# Kont taf li...

Fi żmien il-Festa bosta mill-attivitajiet tal-festa kollha jiċċentraw mall-knisja Parrokkjali. Però, ejjew nieħdu ħames minuti biex naraw xi ftit il-knejjes jew kappelli oħra li hawn mad-dawra tal-Gudja.

## Santa Marija ta' Bir-Miftuħ Il-Parroċċa-Matriċi l-Qadima



Din il-Knisja kienet diġà parroċċa fl-1436. Min dak iż-żmien s'issa ġiet irranġata u rrestawrata diversi drabi (fl-1768, fl-1830 u fl-1942). Fiż-żmien il-gwerra il-Kbira (1914 - 1918) peress li Malta kienet nieqsa mill-provvisti f'dawk iż-żminijiet, jingħad li kienu qegħdin jinsterqu is-siġar taż-żebbuġ minn ħdejn il-knisja - dawn biex l-injam jintuża bħala ħatab. Biex dak is-serq ma' jibqax isir, il-Kan. Dun Pietro Farrugia ħa ħsieb biegħ is-siġar taż-żebbuġ li kien fadal lill-Kurja u bil-flus li qala mill-bejgħ (u b'xi flus minn tiegħu) rranġa l-koppla tal-knisja parrokjali tal-lum.



## Il-knisja tal-Madonna ta' Loretu

Dan huwa l-eqdem post f'Malta fejn tissemma' din id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Loreto. Kitba li tidher fuq kwadru qadim, turi d-data ta' l-1548. It-tradizzjoni tgħid li l-imsemmi Fra Imberto, benefattur kbir ta' din il-knisja, għammarha bil-ħwejjeġ meħtieġa. Tgħid ukoll kemm kienet kbira d-devozzjoni f'dik il-knisja f'kull nhar ta' Sibt. Difatti qrib il-knisja huwa kien xtara dar fejn igħammar. Fl-aħħar dan is-santwarju ġie milqut min bomba u kellu jingħalaq biex jissewwa. Fit-8 ta'

Diċembru 1943 il-knisja reġgħet ġiet imbierka fi żmien il-Kappillan Dun Anton Rapa.

## Il-knisja tal-Lunzjata



Il-Knisja tal-Lunzjata tal-lum hija t-tielet darba li nbniet. L-ewwel knisja, issa mwaqgħa kienet f'post jissejjah "Ta' Durbies'. It-tieni waħda kienet imtalla' f'nofs ir-raħal. Fl-1754, is-saċerdot Ġwanni Barbara ġie mogħti s-setgħa biex iwaqqagħha u jibni oħra ġdida fuq l-istess lok. Fil-fatt din hija il-knisja tal-Lunzjata kif nafuha llum. L-istess saċerdot Ġwanni Barbara jingħad li biegħ il-ħwejjeġ meħtieġa tad-dar basta jibni din il-knisja għażiża għalih. Il-knisja tal-Lunżjata llum isservi sew lir-raħal billi kważi il-laqgħat kollha tal-parroċċa jsiru f'din il-kappella.



## Il-knisja ta' Santa Katerina

L-knisja qadima ta' Santa Katarina li hemm il-lum inbniet fl-1661 fuq il-lok ta' waħda eqdem. Il-knisja mhix kbira wisq imma tinstab f'sitwazzjoni imwiegħra ħafna. Fil-fatt fiha ħafna ħsarat strutturali. Jingħad li fiha arkitettura u pittura ta' valur storiku kbir. Bħal issa din il-Knisja ċkejkna qiegħda sservi ta' maħżen għall-armar tal-festa.

Christopher James